# **Animazzjoni tal-Quddies tal-Ħadd**

Festa tal-Familja Mqaddsa ta' Ġesù, Marija u Ġużeppi

Sena B

**Introduzzjoni**

Illum ser niċċelebraw il-festa tal-Familja Mqaddsa ta' Ġesù, Marija u Ġużeppi. Din il-festa tal-lum tħeġġiġna sabiex insiru nixbhu lil din il-familja fil-virtujiet tagħha, speċjalment fl-imħabba.

Nagħtu bidu għal din il-quddiesa billi nqumu bilwieqfa u nkantaw flimkien.

**L-Ewwel Qari** (Ġen 15, 1-6; 21, 1-3)

Fl-istorja ta' Abram naraw li Alla jżomm l-kelma tiegħu.

Nisimgħu l-ewwel qari.

**Salm Responsorjali** (Salm 104 (105), 1b-2.3-4.5-6.8-9)

Jaħweh hu Alla tagħna! Jiftakar għal dejjem fil-patt tiegħu.

**It-Tieni Qari** (Lhud 11, 8.11-12.17-19)

Il-fidi li kellhom Abram, martu Sara, u ibnu Iżakk kienet fidi eżemplari. Nisimgħu t-tieni qari.

**L-Evanġelju** (Lq 2, 22-40)

Ġużeppi u Marija rabbew lil binhom Ġesu skont il-liġi u fil-grazzja ta' Alla. Nilqgħu bil-ferħ it-tħabbira tal-Evanġelju billi nqumu bilwieqfa u nkantaw flimkien l-Hallelujah.

**Offertorju**

Il-Familja Mqaddsa ta' Nazaret għandha tkun mudell għall-ħajja tagħna. Ejjew inroddu ħajr lill-Mulej Alla tagħna billi nressqu dawn l-offerti frott il-ħidmiet diversi tagħna.

Filwaqt li jitilgħu l-offerti, inkantaw flimkien.

**Tqarbin**

L-għajxien tal-valuri Nsara, fid-dawl tal-Familja Mqaddsa ta' Nazaret, jitlob ħidma

u sfidi kontinwi. Il-qawwa għal dan kollu tiġina biss minn Ġesù Ewkaristija. Nersqu għat-tqarbin bi spirtu ta' talb u ġabra, filwaqt li nkantaw flimkien.